**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 3 ta` Lulju 2018**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Nru. 1138/2016 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tas-socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P458) li kienet xjolta bi provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Novembru 2017**

**Il-Qorti :**

Rat l-atti kollha li gew wara l-provvediment taghha tat-30 ta` Novembru 2017.

Rat in partikolari l-atti li pprezenta r-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tas-socjeta` de qua.

Rat l-atti tal-procediment fil-kumpless taghhom. Hadet nota ta` dak li kienet ipprovdiet fit-tielet paragrafu tal-parti decizorja tal-provvediment taghha tat-30 ta` Novembru 2017.

Billi jirrizulta li s-socjeta` ma ghandha l-ebda pendenzi fil-konfront ta` terzi.

Billi jirrizulta ampjament illi ma fadal xejn tas-socjeta` de qua x`jigri stralcjat.

Billi ma hemm l-ebda ostakolu ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` de qua.

Tordna li l-isem tas-socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P458) jithassar mir-Registru tas-Socjetajiet b`effett mil-lum.

Tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-isem tas-socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P458) mir-Registru tas-Socjetajiet.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**